

31999R1924

L 238/14

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

9.9.1999

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1924/1999
tat-8 ta' Settembru 1999**

li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità fir-rigward tal-programm għas-snin 2000 sa l-2002 ta' moduli *ad hoc* għall-istħarriġ tal-forza tax-xogħol

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 tad-9 ta' Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' stħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità ⁽¹⁾, b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

(1) Billi b'konformità ma' l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 577/98 għandu jsir ta' kull sena programm ta' moduli *ad hoc* li jkopri bosta snin;

(2) Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma konformi

ma' l-opinjoni li nġhatat mill-Kumitat tal-Programm Statistiku stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom ⁽²⁾,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Programm ta' moduli *ad hoc* li jkopri s-snin mill-2000 sa l-2002 jinsab fl-Anness tar-Regolament preżenti.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-8 ta' Settembru 1999.

Għall-Kummissjoni

Yves-Thibault DE SILGUY

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 77, ta' l-14.3.1998, p.3.

⁽²⁾ ĠU L 181, tat-28.6.1989, p.47.

L-ANNEX

STĦARRIĠ TA' KAMPJUNI TAL-FORZA TAX-XOGĦOL FIL-KOMUNITÀ

Programm multi-annwali ta' moduli *ad hoc*

1. It-tranżizzjoni mill-iskola għall-ħajja tax-xogħol

Lista ta' varjanti: ara r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1925/1999 tat-8 ta' Settembru 1999 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' sħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità rigward l-ispeċifikazzjoni tal-modulu *ad hoc* għas-sena 2000 dwar it-tranżizzjoni mill-iskola għall-ħajja tax-xogħol ⁽¹⁾

Perjodu tar-referenza: it-tieni kwart tas-sena 2000 (it-tielet kwart tas-sena 2000 fl-Italja)

L-Istati Membri u r-reġjuni li huma kkonċernati: kollha kemm huma barra l-Ġermanja

Kampjun: persuni li ħallew l-edukazzjoni fl-aħħar ħames/għaxar snin (inklużi l-persuni li ħallew l-edukazzjoni għal ta' l-anqas sena waħda u wara reġġu dahl għall-edukazzjoni); jekk l-individwu huwa l-unità kampjonarja l-ebda informazzjoni dwar il-membri tad-dar ma tintalab

Meta jintbagħtu r-riżultati: qabel il-31 ta' Marzu 2001

2. Tul u tendenzi dwar il-ħinijiet tax-xogħol

Il-lista tal-varjanti: għandha tiġi definita qabel Marzu tas-sena 2000

Perjodu tar-referenza: it-tieni kwart tas-sena 2001

L-Istati Membri u r-reġjuni li huma kkonċernati: għandhom jiġu definiti

Kampjun: l-istess bħall-moduli normali; iżda, jekk l-individwu jkun l-unità kampjonarja ebda informazzjoni dwar il-membri tad-dar ma tintalab

Kif jintbagħtu r-riżultati: qabel il-31 ta' Marzu 2002

3. L-impjeg ta' nies b'diżabilità

Il-lista tal-varjanti: għandha tiġi definita qabel Marzu tas-sena 2001

Perjodu tar-referenza: it-tieni kwart tas-sena 2002

L-Istati Membri u r-reġjuni li huma kkonċernati: għandu jkun definit

Kampjun: Nies b'diżabilità; jekk l-individwu jkun l-unità kampjonarja ebda informazzjoni dwar il-membri tad-dar ma tintalab

Kif jintbagħtu r-riżultati: qabel il-31 ta' Marzu 2003

⁽¹⁾ Ara paġna 16 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.